Kunsill Lokali L-Għasri
6, Triq Dun Karm Caruana, L-Għasri GSR 1021
Tel: 21558686 Fax: 21558655 email: ghasri.lc@gov.mt

*Ref. Nru. VI/41*

Minuti tal-Laqgħa Nru. 41 tal-Kunsill Lokali L-Għasri (is-Sitt Terminu), li nżammet nhar it-Tlieta 18 ta' Ottubru, 2011 fis-6.30p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

Il-laqgħa kienet presjeduta mis-Sindku s-Sur Andrew Vella.

Membri oħra tal-Kunsill li kienu preżenti :

| | |
|---|---|
| Is-Sur Emmanuel Mintoff | Viċi Sindku |
| Is-Sur Frank Formosa | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sinjura Renance Vella Aquilina | Kunsilliera |

**1. Talba**

Fil-bidu tal-laqgħa s-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillieri qalu t-talba.

**2. Introduzzjoni.**

Is-Sindku għamel introduzzjoni qasira dwar it-tibdil fil-kariga ta' Segretarju Eżekuttiv fejn irringrazzja lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv Carmelo Grima għas-servizz tiegħu matul l-aħħar xhur, wara li kien irtira s-Segretarju Eżekuttiv Joe Camilleri aktar kmieni din is-sena.

Is-Segretarju Eżekuttiv il-ġdid, Ruben Cassar, introduċa lilu nnifsu mal-Kunsillieri u qal li ser ikun jagħmel ħiltu kollha sabiex flimkien mal-membri kollha tal-Kunsill ikompli jaħdem għal-ġid tar-raħal u r-residenti tiegħu.

**3. Qari u approvazzjoni tal-Minuti**.

Inqraw il-Minuti tal-Laqgħa preċedenti, ġew approvati unanimament u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**4. Korrispondenza**

4.01 Memo 82/2011 – Festival Kutrumbajsa
4.02 Memo 83/2011 – Avviż Legali 347 – 2011 – dwar id-Delega ta' Infurzar lill-Kunsilli Lokali u Kumitati Reġjonali
4.03 Memo 84/2011 – It-Tħaris tal-Ordnijiet Permanenti waqt il-Laqgħa tal-Kunsill
4.04 Memo 85/2011 – Ħlas ta' Multi fl-Uffiċċji tal-Kunsilli Lokali
4.05 Memo 86/2011 – Laqgħat dwar it-Training Needs Analysis
4.06 Memo 87/2011 – Skema ta' Finanzjament ta' Proġetti Speċjali 2011 – din il-memo se tiġi diskussa aktar fid-dettal aktar tard

4.07 Memo 88/2011 – Promoting Sustainable Partnerships – Attivita’ organizzata mill-Meusac għall-Kunsilli Lokali
4.08 Memo 89/2011 – Attivitajiet fil-Lokalitajiet b’risq il-Malta Community Chest Fund
4.09 Memo 90/2011 – Skema dwar Inizjattivi Sportivi 2012
4.10 Memo 91/2011 – Administration Fee għall-ħlas ta’ Multi fl-Uffiċċju Amministrattivi tal-Kunsilli Lokali
4.11 Memo 92/2011 – Mistoqsija Parlamentari Numru 28322
4.12 Memo 93/2011 – Administration Fee għall-ħlas ta’ Multi fl-Uffiċċju Amministrattivi tal-Kunsilli Lokali
4.13 Memo 94/2011 – Tabella fid-daħla ta’ kull playground tal-Kunsill Lokali
4.14 Memo 95/2011 – Mistoqsijiet Parlamentari Numru 28771 u 28773
4.15 Memo 96/2011 – Mistoqsijiet Parlamentari Numru 28711 u 28727
4.16 Memo 97/2011 – Tnedija ta’ Taħriġ Speċjalizzat – Korsijiet u Workshops
4.17 Memo 98/2011 – Mistoqsija Parlamentari Numru 28760
4.18 Memo 99/2011 – Mistoqsija Parlamentari Numru 28762
4.19 Memo 100/2011 – Mistoqsija Parlamentari Numru 28763
4.20 Memo 101/2011 – Mistoqsija Parlamentari Numru 28767
4.21 Memo 102/2011 – Mistoqsija Parlamentari Numru 28764
4.22 Memo 103/2011 – Building Together Sustainable Localities – Konferenza organizzata b’kollaborazzjoni bejn il-Meusac u d-Dipartiment Għall-Gvern Lokali

4.23 L-AKL infurmat lill-Kunsilli Lokali dwar il-Konferenza Proġett STANDUP li ser issir fid-29 ta’ Ottubru

4.24 Is-Sur Christopher Galea mill-Monitoring Unit staqsa lill-Kunsill jekk għandux kummenti xi jżid mal-ittra ta’ direzzjoni tas-sena 2009 dwar ir-reġistru tal-assi kapitali. Il-Kunsill qabel li m’hemmx kummenti aktar xi jżid.

4.25 L-AKL infurmat lill-Kunsilli Lokali dwar il-Laqgħa għall-Kunsillieri kollha ta’ Malta u Għawdex li ser issir fid-19 ta’ Novembru. Il-membri kollha huma mistiedna biex jattendu.

4.26 Guido Zammit mill-ETC informa lill-Kunsill li l-parteċipazzjoni ta’ Stephen Moon fl-iskema ta’ xogħol fil-komunita ġiet imġedda għal sitt xhur oħra.

4.27 Anton Cachia ta’ 52 Triq ll-Għammar, talab sabiex issir il-bankina tiegħu. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li huwa kien mar jara x’hemm bżonn isir. Il-Kunsill qabel li nordnaw ix-xogħol biex issir din il-bankina.

4.28 Id-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali nforma lill-Kunsill li Ruben Cassar ngħata l-ħatra ta’ Segretarju Eżekuttiv mal-Kunsill Lokali tal-Għasri b’effett mis-27 ta’ Settembru 2011.

**5. Bidu tax-xogħol ta’ bankina fi Triq il-Fanal.**

Is-Sindku ppropona sabiex ix-xogħol ta’ kostruzzjoni ta’ bankina fi Triq il-Fanal ikun jista’ jinbeda. Il-Kunsill qabel unanimament ma’ din il-proposta u għalhekk il-kuntrattur se jingħata l-ordni biex ikun jista’ jibda ix-xogħol.

**6. Sejħa Għall-offerti dwar tarmak f'parti minn Triq il-Fanal**

Is-Sindku ppropona sabiex il-Kunsill joħroġ sejħa għall-offerti biex parti minn Triq il-Fanal tinkesa b'tarmak ġdid kif ukoll isiru l-bankini. Il-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta u għalhekk il-Perit tal-Kunsill ser jiġi mitlub biex jipprepara d-dokumenti tal-offerta. Is-Sindku ppropona wkoll sabiex il-Kunsill japplika għall-għajnuna finanzjarja mill-iskema speċjali imsemmija f'Memo 87/2011. Minn din l-iskema, jekk il-proġett tagħna jintgħażel, il-Kunsill ikun intitolat sa massimu ta' €25,000. Il-Kunsill qabel li għandna napplikaw għall-fondi minn din l-iskema – Memo 87-2011 – Skema ta' Finanzjament ta' Proġetti Speċjali.

**7. Bdil fil-ħin tal-ġbir tal-iskart domestiku**

Il-ġbir tal-iskart domestiku qed jibda fis-7.00am. Il-Kunsill qabel li dan il-ħin huwa kmieni ħafna u għalhekk ġie propost li ssir laqgħa mal-Kuntrattur (KIP Għawdex Ltd) biex tinstab soluzzjoni għal din il-problema.

**8. Problema tal-ilma tax-xita fi Sqaq San Pupulju**

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li huwa kien mar jara biex jivverifika li hemm problema tal-ilma tax-xita fl-isqaq imsemmi. Huwa qal li peress li sar bini ġdid f'dawn l-inħawi u ħafna ilma tax-xita jgħaddi għal Sqaq San Pupulju, il-katusa li hemm tirċievi l-ilma biex imur lejn il-wied, m'għadix tlaħħaq bil-konsegwenza li qed ikun hemm problema għar-residenti. Il-Kunsill qabel li għandna nitolbu lill-Perit Angelo Portelli sabiex jagħmel 'survey' u jipproponi lill-Kunsill x'jista' jsir biex din il-problema tissolva.

**9. Servizz tal-Posta mill-Uffiċċju tal-Kunsill**

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien ġie kkuntattjat minn Maltapost sabiex mill-Uffiċċju tal-Kunsill tal-Għasri jibda jingħata s-servizz tal-posta. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u għalhekk ser isiru l-kuntatti meħtieġa biex dan ikun jista' jseħħ.

**10. Programm M125**

Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar applikazzjoni għall-fondi mill-programm tal-Unjoni Ewropeja magħruf bħala M125. Il-Kunsilli Lokali jistgħu japplikaw għal din l-iskema li tista' tiffinanzja sa massimu ta' €30,000. Il-Kunsill ikun irid jiffinanzja 10% tal-proġett u għalhekk madwar €3,000. Il-proġetti jridu jkunu dwar aċċessibilita aħjar għall-bdiewa. Il-Kunsill iddiskuta dwar liema huma l-aktar proġetti li għandhom jingħataw prijorita. Il-Kunsill qabel li napplikaw għall-passaġġi fi Wied Sara, Ta' Gedlin, Tal-Gallina u Ta' Kanġla.

**11. Materja oħra**

11.01 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li nhar il-Ħamis 20 ta' Ottubru, s-Sinjura Margaret Abela se żżur l-iskola Laura Vicuna sabiex tiftaħ uffiċċjalment il-kampanja li ssir fl-iskejjel kollha ta' Malta u Għawdex biex jinġabru fondi b'risq il-Malta Community Chest Fund. Il-Kunsill qabel li għandna ngħinu lill-iskola biex din l-attivita tkun tista' ssir u tingħata merħba xierqa lis-Sinjura Abela, fil-lokalita' tagħna.

11.02 Il-Kappillan talab lill-Kunsill sabiex l-istatwi li hemm fuq iz-zuntier jiġu restawrati. Il-Kunsill qabel li niġbru stima tal-ispejjeż involuti biex isir dan ix-xogħol.

11.03 Dun Ġużepp Żammit talab lill-Kunsill biex issir tabella li tindika fejn hi l-Knisja tal-Patroċinju. Il-Kunsill qabel li din t-tabella għandha ssir.

11.04 Rose Sultana ssuġġeriet lill-Kunsill sabiex faċċata ta' Triq il-Wilġa teħel tabella li tindika 'l fejn trid tmur biex tasal fiċ-ċentru tar-raħal tal-Għasri jew lejn irħula oħra.

**12. Ħlas ta' Kontijiet**

Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti nru 6-41 biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

Il-laqgħa li jmiss ġiet appuntata għal nhar il-Ħamis 24 ta' Novembru, 2011 fis-7.00p.m.

Il-laqgħa tal-lum intemmet fid-8.45p.m.

| | |
|---|---|
| Andrew Vella | Ruben Cassar |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |